PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2008/2234(INI)

20.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-problemi u l-prospetti rigward iċ-Ċittadinanza Ewropea
(2008/2234(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marie Panayotopoulos-Cassiotou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Jenfasizza l-importanza li jitqies b'mod konsistenti l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-Unjoni;

2. Jenfasizza li wieħed ma jistax verament jitkellem dwar ċittadinanza Ewropea mingħajr ir-rikonoxximent u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi;
3. Ifakkar li l-kunċett taċ-ċittadinanza jikkontribwixxi għall-integrazzjoni Ewropea, billi jinvolvi kemm in-nisa u kemm l-irġiel fil-proċess;

4. Jiddispjaċih li, għal darb'oħra, il-Kummissjoni naqset milli tinkorpora dimensjoni li tittratta s-sessi fil-Ħames Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni u fis-sommarju tal-progress imwettaq f'oqsma relatati mill-qrib maċ-ċittadinanza; jinnota li, għal dik ir-raġuni, huwa diffiċli ħafna biex ikun hemm evalwazzjoni komprensiva tas-sessi u linji gwida dwar is-suġġett;

5. Jenfasizza li d-drittijiet għall-moviment ħieles u għar-residenza, li huma parti integrali miċ-ċittadinanza Ewropea għandhom impatt tremend fuq il-ħajja tal-familji u fuq l-għażliet edukattivi u professjonali tan-nisa; għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa f'dan il-qasam;

6. Jenfasizza l-importanza għan-nisa tad-direttivi, dwar id-dritt tar-residenza taċ-ċittadini tal-UE li huma studenti, li huma ekonomikament mhux attivi jew li huma rtirati, li ġew revokati mid-Direttiva 2004/38/KE, u jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza tal-informazzjoni dwar dawn id-drittijiet, filwaqt li jinnota li s-16,000 kopja tal-gwida dwar kif jittieħed l-aħjar benefiċċju mid-Direttiva 2004/38/KE, ippubblikata f'19-il lingwa, jirrappreżentaw ċifra żgħira ħafna meta mqabbla man-numru totali ta' abitanti tal-Unjoni;

7. Jitlob parteċipazzjoni ikbar tan-nisa fil-ħajja politika u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fid-dawl tal-integrazzjoni Ewropea; għal dan il-għan, in-nisa jistgħu jibbenefikaw minn kampanji msaħħa biex titqajjem il-kuxjenza sabiex jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni u biex ikunu iktar attivi fi gruppi politiċi, fil-ħajja politika u fil-kuntest tal-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali tal-pajjiż ta' residenza tagħhom;

8. Jinnota li l-involviment fil-politika huwa espressjoni importanti taċ-ċittadinanza, li jista' jitħeġġeġ fost in-nisa permezz ta' miżuri konkreti bħat-titjib u ż-żieda tal-ammont ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal żgħar;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-programmi ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni sabiex it-tfal jiġu infurmati b'mod sħiħ, speċjalment il-bniet żgħar u n-nisa f'istituzzjonijiet edukattivi, u b'mod partikolari f'reġjuni ġeografikament u soċjalment żvantaġġati. jitlob li dawn il-programmi għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza

Ewropea jpoġġu enfasi partikulari fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

10. Jitlob protezzjoni konsulari akbar għaċ-ċittadini Ewropej f'pajjiżi terzi, b'mod partikulari bil-għan li l-ħajja, id-dinjità u l-integrità tagħhom ikunu protteti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Emine Bozkurt, Hiltrud Breyer, Edite Estrela, Ilda Figueiredo, Claire Gibault, Anneli Jäätteenmäki, Lívia Járóka, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Urszula Krupa, Roselyne Lefrançois, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Zita Pleštinská, Eva-Britt Svensson, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriela Crețu, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Maria Petre